# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 22/24/1**

**Legacy Ventures Limited (C-98450)**

**v.**

**Direttur Ġenerali tal-Kuntratti; Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ; u Mereasy Limited (C-89679)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Legacy Ventures Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fit-3 ta' Jannar, 2024, li permezz tagħha ċaħad l-oġġezzjoni tagħha dwar it-twarrib tal-offerta mressqa minnha fis-sejħa pubblika għall-offerti bin-numru ta' riferenza CT2434/2022.

## Daħla

2. Fl-10 ta' Marzu, 2023, id-Dipartiment tal-Kuntratti ħabbar sejħa pubblika għall-offerti (CT2434/2022) bl-isem ta' *«Works Tender for the Finishing, Mechanical and Electrical Works, and Landscaping Works Using Environmentally Friendly Products and Methods at Palazzo Parisio, Valletta.»*

3. Il-kriterju tal-għażla għal din is-sejħa għall-offerti kellu jkun dak tal-orħos offerta li tissodisfa l-kriterji tekniċi u amministrattivi (ara paragrafu 6.1. ta' l-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa għall-offerti).

4. L-offerenti prospettivi ġew ukoll mgħarrfa li, fost is-sensiela ta' dokumenti li kellhom iressqu flimkien mal-offerta teknika tagħhom, kien hemm dawk imniżżla fil-lista ta' letteratura (*«literature list»*) li tifforma parti integrali mid-dokument tas-sejħa (ara paragrafu 5(Ċ)(ii) tal-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa għall-offerti).

5. Fl-istess parti tad-dokument tas-sejħa tfisser li *«[t]he scope of the literature is to corroborate a fully compliant techincal offer»* (erġa' ara paragrafu 5(Ċ)(ii) tal-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa għall-offerti).

6. Fil-lista' ta' letteratura mbagħad tniżżel li għall-għanijiet ta' verifiki tal-kriterji tal-*«Green Public Procurement»* (GPP), l-offerenti kellhom jissottomettu ċertu dokumenti, fosthom dawk li ġejjin:

***«Green Public Procurement Computers and Monitors»***

| | |
|---|---|
| ***Minimum energy performance of monitors***<br><br>*The energy efficiency performance of monitors shall meet the energy efficiency requirements of the latest version of the Energy Star standard. The version in force at the time of publication is 8.0.* | |
| ***Verification:*** | *The tenderer shall provide test reports carried out according to the test methods laid down in the latest version of Energy Star. These shall be provided upon award of the contract or prior to that upon request.*<br><br>*Models that have qualified for EU Energy Star and are registered on the programme's database shall be deemed to comply. Energy Star registrations in the USA shall also be accepted provided that testing according to European input power requirements has been carried out. Products holding a relevant Type I Eco-label fulfilling the specified requirements will be deemed to comply.* |

| | |
|---|---|
| ***Warranty and service agreements***<br><br>*The tenderer shall provide a minimum two-year warranty effective from delivery of the product. This warranty shall cover repair or replacement and include a service agreement with options for pick-up and return or on-site repairs. The warranty shall guarantee that the products are in conformity with the contract specifications at no additional cost. This shall cover battery defects.* | |
| ***Verification:*** | *The tenderer shall provide a written declaration that the products supplied will be warrantied in conformity with the contract specifications and* |

| | |
|---|---|
| | *service requirements.* |

***Repairability and replacement of components and parts***

***a) Continued availability of spare parts***

*The tenderer shall guarantee the availability of spare parts, including as a minimum those identified in criterion relating to the Design for reparability, for at least three years from the date of purchase.*

| | |
|---|---|
| ***Verification:*** | *The tenderer shall provide a declaration that compatible spare parts, including rechargeable batteries (if applicable), will be made available to the contracting authority or through a service provider.*<br><br>*Equipment holding the EU Ecolabel or another relevant Type I Eco-label fulfilling the specified requirements will be deemed to comply.* |

***b) Design for reparability***

*The following parts, if applicable, shall be easily accessible and replaceable by the use of universally available tools (i.e. screwdriver, spatula, plier or tweezers):*

*Computers*
- *(i) HDD/SSD,*
- *(ii) Memory,*

*Displays*
- *(i) Screen assembly and LCD backlight*
- *(ii) Power and control circuit boards*
- *(iii) Stands (excluding those integrated with the enclosure)*

*The tenderer shall provide clear disassembly and repair instructions (e.g. hard or electronic copy, video) to enable a non-destructive disassembly of products for the purpose of replacing key components or parts for upgrades or repairs. This shall be made available in hard copy or via the manufacturer's webpage.*

| | |
|---|---|
| ***Verification:*** | *A manual shall be provided by the tenderer, which shall include an exploded diagram of the device illustrating the parts that can be accessed and replaced, and the tools required. It shall also be confirmed which parts are covered by service* |

| | |
|---|---|
| | *agreements under the warranty.*<br><br>*Equipment holding the EU Ecolabel or another relevant Type I Eco-label fulfilling the specified requirements will be deemed to comply.* |

***Green Public Procurement – Construction of the Building or Major Renovation Works***

| | |
|---|---|
| ***Demolition waste audit and management plan***<br><br>*A minimum of 55% by weight of the non-hazardous waste generated during demolition and strip-out works, and excluding excavations and backfilling, shall be prepared for re-use, recycling and other forms of material recovery (excluding backfilling in existing quarries). This shall include:*<br>*(i) Timber, glass, metal, brick, stone, ceramic and concrete materials recovered from the main building structures;*<br>*(ii) Fit-out and non-structural elements, to include doors and their frames, flooring, ceiling tiles, gypsum panels, plastic profiles, insulation materials window frames, window glass, bricks, concrete in the form of blocks and precast elements, steel rebars.*<br><br>*The contractor shall carry out a pre-demolition/strip-out audit in order to determine what can be re-used, recycled or recovered. This shall comprise:*<br>*(i) Identification and risk assessment of hazardous waste (including WEEE) that may require specialist handling and treatment, or emissions that may arise during demolition;*<br>*(ii) A bill of quantities with a breakdown of different building materials and products,*<br>*(iii) An estimate of the % re-use and recycling potential based on proposals for systems of separate collection during the demolition process,*<br><br>*The materials, products and elements identified shall be itemised in the Demolition Bill of Quantities* | |
| ***Verification:*** | *The lead construction contractor, Design & Build contractor or DBO contractor shall submit a pre-demolition/strip-put audit that contains the specified information.*<br><br>*A system shall be used to monitor and account for waste arisings. The destination of consignments of waste and end-of-waste materials shall be tracked using consignment notes and invoices. Monitoring data shall be provided to the contracting authority.* |

| | |
|---|---|
| ***Installation and commissioning of building energy systems***<br><br>*The following systems shall be designed, installed and commissioned in conformance with the agreed designs and specifications:*<br>*- Heating, cooling and ventilation (HVAC)*<br>*- Low and Zero Carbon energy technologies*<br>*- Building Energy Management System (BEMS)*<br>*- Lighting controls*<br><br>*Each system shall be subjected to functional performance testing, including measurement of performance.*<br>*HVAC systems shall be in conformance with EN12599 or equivalent and, as relevant to other systems installed, other applicable EN, ISO or national standards, or their equivalent.* | |
| ***Verification:*** | *The main construction contractor or the DBO contractor shall describe and commit to carrying out a functional performance testing routine in order to ensure that the systems perform within design parameters.* |

7. Fost l-operaturi ekonomiċi li ressqu l-offerta tagħhom għal din is-sejħa pubblika kien hemm il-kumpanija appellanti Legacy Ventures Limited u l-kumpanija appellata Mereasy Limited. L-offerta ta' dik tal-ewwel, iġġib in-numru ta' referenza '191479' u hija għall-prezz ta' €3,304,009.23, filwaqt li dik tat-tieni, iġġib in-numru ta' referenza ta' '191473' u hija għall-prezz ta' €3,369,008.59.

8. B'ittra datata 7 ta' Settembru, 2023, il-Ministeru appellat bagħat jgħarraf lil Legacy Ventures Limited li waqt l-għarbiel tal-offerta tagħha, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni sab xi dokumentazzjoni nieqsa, fosthom dawk dwar il-verfiki tal-kriterji tal-GPP: (i) għas-sistemi tal-irrigazzjoni; (ii) il-pjanti ornamentali; (iii) il-*lift* tas-siġġu; (iv) il-*monitor*; (v) *warranty and*

*service agreements*; (vi) *repairability and replacement of components and parts - continued availability of parts*; (vii) *repairability and replacement of components and parts – design for repairability*; u (viii) *installation and commissioning of building energy systems*. Legacy Ventures ġiet ukoll imwiddba li jekk kienet sejra tonqos milli tindirizza n-nuqqasijiet mgħarrfa lilha fi żmien ħamest ijiem utli, l-offerta tagħha kienet sejra titwarrab billi titqies mhux konformi.

9. B'deċiżjoni mitbugħa fl-10 ta' Ottubru, 2023 id-Dipartiment tal-Kuntratti għarraf lill-offerenti li ħadu sehem fis-sejħa għall-offerti inkwistjoni, li l-offerta magħżula kienet dik ta' Mereasy Limited.

10. B'ittra datata fl-istess jum, id-Dipartiment tal-Kuntratti kiteb lill-kumpanija appellanti u għarrafha li l-offerta tagħha kienet ġiet imwarrba billi tqieset bħala teknikament mhux konformi għal dawn ir-raġunijiet:

> *«Following evaluation request of the 23rd September, the Evaluation Committee was not satisfied with the information provided as follows:*

| | |
|---|---|
| *Acoustic Plaster Screed Article 6.5* | *Missing GPP Verifications* |
| *Management of waste and unused paint* | *Does not meet required criteria<br>GPP Verifications* |
| *Warranty and service agreements* | *Missing GPP Verifications* |
| *Continued availability of spare parts* | *Missing GPP Verifications* |
| *Design for repairability* | *Missing GPP Verifications* |
| *Installation and commissioning of building energy systems* | *Missing Information.* |

> *In view of the above, the offer is deemed to be technically non-compliant.»*

11. Billi Legacy Ventures Limited ħassitha aggravata bit-twarrib tal-offerta tagħha, fl-20 ta' Ottubru, 2023 hija ressqet ittra ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kontra d-deċiżjoni tal-iskwalifika tagħha u kontra l-għoti tal-kuntratt lil Mereasy Limited. Hemmhekk hija argumentat li l-iskwalifika tagħha kienet inġusta għaliex hija bagħtet d-dokumentazzjoni kollha li ntalbet, kif ukoll għaliex fl-avviż dwar it-twarrib tal-offerta tagħha ngħad ħażin li hija kienet irċeviet xi talba sabiex tirrettifka l-offerta tagħha fit-23 ta' Settembru, 2023. Ilmentat ukoll li l-avviż tal-iskwalifika tagħha ma kienx fih dettalji biżżejjed għalfejn l-offerta tagħha tqieset bħala teknikament mhux konformi.

12. Bi tweġiba mressqa fit-30 ta' Ottubru, 2023, il-Ministeru appellat iċċara li r-referenza lejn id-data tat-23 ta' Settembru, 2023 kienet biss żball tal-pinna, u minflok, dik id-data kellha tirreferi għat-talba ta' rettifika tas-7 ta' Settembru, 2023. Stqarr ukoll li Legacy Ventures kellha raġun tisħaq li l-offerta tagħha kienet konformi sa fejn għandhom x'jaqsmu l-letteratura dwar l-*«acoustic plaster screed»* u l-kriterji tal-GPP dwar l-immaniġġjar tal-iskart u l-fdalijiet taż-żebgħa. Mill-bqija, però nsista li l-ilmenti ta' Legacy Ventures Limited ma kinux mistħoqqa.

13. B'deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Jannar, 2024, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

*«This Board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties including the testimony of the witnesses duly summoned, will now consider Appellant's grievances.*

*a)* ***On the date issue*** *– it is clear that the date referred to in the rejection letter, i.e. "Following evaluation request of the* ***23rd September****, the Evaluation Committee was not satisfied with the information……." (bold emphasis added) should have read 7th September 2023. It is also obvious that this was a lapsus calami and no prejudice has been suffered by the appellant in such regard. The Board, therefore, does not have anything further to add on this matter and deems it irrelevant.*

*b)* ***On the reasons provided in the rejection letter*** *– reference is made to the reasons provided in the rejection letter of 10th October 2023. Reference is also made to regulation 272 of the Public Procurement Regulations which speaks about "……a summary of the relevant reasons to the rejection of the tender………..", therefore what was provided in the letter of 10th October 2023 is deemed sufficient and contained enough detail for the appellant to be able to file an appeal should it decide to do so. This more so, when such information is viewed in the context that the appellant was more than capable of formulating a well drafted appeal and therefore had the necessary information on which to base its grievances.*

*c)* ***On the argument that such information was very similar if not identical to information given by him or his sub-contractors in various tenders*** *– this line of argumentation has been rebutted on several occasions by this Board. The remit of this Board is to analyse and decide on grievances brought to it on a specific tender, in this case CT2434/2022. It is not its remit to review and analyse other tender documents to correlate whether the specifications were identical to this particular tender. Therefore, what this Board will now consider are the specific grievances numbered 1 to 4 in the letter of objection of the appellant.*

*d)* ***On the matters on technical non-compliance matters*** *–*

*i. <u>Acoustic Plaster Screed Article 6.5 – Missing GPP verifications</u> – The Board notes that the Contracting Authority conceded that the submission of the appellant was indeed technically compliant on this matter and therefore this Board upholds appellant's grievance.*

*ii. <u>Management of Waste and Unused paint</u> - The Board notes that the Contracting Authority conceded that the submission of the appellant was indeed technically compliant on this matter and therefore this Board upholds appellant's grievance.*

*iii. <u>Warrant of Service, Continued availability of spare parts, design for reparability and Installation and commissioning of building energy</u>*

> <u>systems (combined)</u> – *After reviewing the submissions by appellant and contracting authority and given due notice of the testimony under oath of all the witnesses, this Board is more than serene to ascertain that the evaluation committee duly provided a fair opportunity to the appellant to 'correct' its original submission by issuing the rectification request of 7th September 2023, however the appellant failed to reply* ***<u>in full</u>*** *to all the matters raised within. Reference is made to the missing energy test reports (see testimony of Engineer Mario Sammut), written declarations from the tenderer (see testimony of Ms Anna Catania). Given that rectifications on the same matter could only be requested once, the evaluation committee duly decided to deem the submission of the appellant as technically non-compliant. The Board agrees with such a decision and does not uphold the grievances of the appellant on these two grounds.*

***The Board**,*

*Having evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:*

> *a) Does not uphold Appellant's Letter of Objection and contentions apart from the grievances on the Acoustic Plaster Screed and Management of Waste and Unused paint,*
>
> *b) Upholds the Contracting Authority's decision in the recommendation for the award of the tender,*
>
> *c) Directs that the deposit paid by Appellant not to be reimbursed.»*

14. Legacy Ventures Limited ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u b'rikors tal-appell imressaq fit-23 ta' Jannar, 2024, hija talbet lil din il-Qorti biex: (i) tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi tat-3 ta' Jannar, 2024, u minflok; (ii) tilqa' l-appell imressaq minnha; (ii) tiddikjara li l-offerta tagħha kienet teknikament konformi; u (iv) tiġġudika s-sejħa favur tagħha.

15. Bi tweġiba mressqa fil-15 ta' Frar 2024, id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti fisser għalfejn l-appell ta' Legacy Ventures Limited għandu jiġi

miċħud, bl-ispejjeż.

16. Hekk ukoll bi tweġiba mressqa fl-20 ta' Mejju, 2024, il-kumpanija appellata Mereasy Limited ressqet ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell ta' Legacy Ventures għandu jiġi miċħud. Fl-istess tweġiba, Mereasy Limited qajmet ukoll il-preġudizzjali li l-appell inkwistjoni waqa' deżert, madankollu, f'dak l-istadju, hija naqset milli titlob lill-Qorti sabiex issib u tiddikjara li l-appell waqa' deżert.

17. Mereasy Limited pattiet għal dan billi b'rikors imressaq fis-27 ta' Mejju, 2024, hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2024, li bih ħalliet l-appell għat-trattazzjoni; u (ii) tiddikjara li l-appell ta' Legacy Ventures Limited waqa' deżert skont il-liġi, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess Legacy Ventures.

18. Inżamm smigħ fil-jum tat-18 ta' Ġunju, 2024, u b'digriet mogħti fil-miftuħ waqt dik is-seduta stess, din il-Qorti ċaħdet it-talba ta' Mereasy Limited hekk kif imressqa minnha fir-rikors tas-27 ta' Mejju, 2024, u dan għar-raġuni li l-erba' xhur imsemmija **f'Regolament 286 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jitilqu jimxu biss wara l-aħħar notifika tal-partijiet, u f'dan il-każ, tali żmien kien għadu ma għaddiex.

19. Fl-istess seduta tat-18 ta' Ġunju, 2024, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**:

20. Legacy Ventures Limited qiegħda ssejjes l-appell tagħha fuq tliet aggravji, li fil-qosor ħafna huma dwar:

a) li l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kellu jsib li hija ressqet l-informazzjoni kollha li ntalbet u għalhekk l-offerta tagħha ma kellhiex titqies teknikament mhux konformi;

b) li l-avviż dwar it-twarrib tal-offerta tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2023, ma kienx motivat skont il-liġi;

c) li f'kull każ, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ma kellux jordna t-telfien tad-depożitu li ħallset biex ressqet l-oġġezzjoni quddiemu.

21. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju</u>** li fih Legacy Ventures Limited qiegħda tisħaq li l-informazzjoni li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni deherlu li kienet nieqsa fl-offerta tagħha, ma kienet nieqsa xejn, għaliex kienet fost id-

dokumenti li hija ressqet flimkien mal-offerta tagħha.

22. F'dan ir-rigward, l-appellanti titlaq billi tosserva li mid-deċiżjoni appellata jidher li l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kkonkluda li l-offerta tagħha kienet tabilħaqq mhux teknikament konformi għaliex qies li hija naqset milli tressaq: (i) dawk li rrefera għalihom bħala l-*«energy test reports»* u (ii) xi dikjarazzjonijiet.

23. Dwar l-*«energy test reports»,* l-appellanti tissottometti li l-effiċjenza tal-*monitors* offruti minnha bħala parti mill-offerta tagħha, hija *«energy star v.6.1»,* li fi kliemha hija meqjusa bħala *«Type 1 Eco-Label»* u għalhekk, skont id-dokument tas-sejħa, kellhom jitqiesu li jissodisfaw l-kriterji kollha tal-verifiki GPP.

24. Tisħaq li l-ekwivalenza tal-prodott offrut minnha għal *«Type 1 Eco-Label»* jirriżulta minn *standard* li huwa maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea stess, u li jipprovdi dwar l-ekwivalenza tal-*«energy rating»* ta' prodotti magħmula barra mill-Unjoni Ewropea. Tfisser li bħalma prodott magħmul fl-Unjoni Ewropea jkollu *«eco label»* li turi l-effiċjenza ta' dak il-prodott b'rati A+++ sa D, prodott manifatturat barra mill-Unjoni Ewropea, bħal fil-każ tagħha fil-Ġappun, jingħata r-*rating* tal-*«energy star»,* li juri l-ekwivalenza mal-*«eco label»* Ewropea.

25. Tinsisti li tali ekwivalenza hija maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea, u targumenta li fatt bħal dan kellu jkun magħruf minn persuni tekniċi bħal dawk li nħatru fil-kumitat tal-evalwazzjoni sabiex jagħrblu l-offerti.

26. Kemm fid-dawl ta’ dan, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li hija ressqet dokumentazzjoni li turi li l-*monitors* offruti minnha huma *«energy star v.6.1»,* l-appellanti tisħaq li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni kellu jqis li hija awtomatikament issodisfat il-kriterji tal-GPP u għalhekk mhuwiex il-każ li hemm l-*«energy test reports»* neqsin.

27. Tgħid li l-istess argumenti jgħoddu bis-sħiħ għad-dikjarazzjonijiet li l-Bord qies li hija naqset milli tressaq, u għalhekk l-offerta tagħha lanqas ma kellha tiġi skwalifikata minħabba n-nuqqas ta’ dawk id-dikjarazzjonijiet.

28. Iżżid li hija f’’kull każ tat lill-awtorità kontraenti l-garanziji kollha mitluba fid-dokument tas-sejħa u dan anke minn kif jidher mid-dokument mehmuż flimkien mar-rikors tal-appell, li huwa estratt mid-dokumenti li ressqet flimkien mal-offerta tagħha. F’dan l-isfond, tfisser li l-*monitors* jiffurmaw parti integrali mill-*«Building Management System»* li ntalab fis-sejħa għall-offerti, u għalhekk tisħaq li d-dokumentazzjoni li ngħad li hija nieqsa dwar il-*monitors,* mhija nieqsa xejn għaliex ġiet imressqa bħala parti mid-dokumenti li tressqu dwar tali sistema.

29. Tagħlaq dan l-aggravju billi tgħid li fix-xhieda ta' quddiem il-Bord, l-Inġiniera Gianluca Vella Valletta u Darryl Sciberras fissru kif effettivament dak li qiegħed jiġi allegat li huwa nieqes mill-offerta tagħha, ġie fil-fatt sottomess, u fid-dawl ta' dan kollu tisħaq li l-konklużjoni tal-Bord mhijiex tajba.

30. Il-Qorti wara li għarblet dawn l-argumenti fid-dawl ta' dak li tniżżel fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti, u partikolarment fid-dawl tal-istruzzjonijiet li ngħataw lill-offerenti dwar il-mod ta' kif kellhom isiru l-verifiki tal-kriterji dwar il-GPP, tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq.

31. Ibda biex Legacy Ventures Limited qiegħda ssejjes dan l-aggravju fuq il-premessa ħażina — li ġaladarba hija allegatament irnexxielha tipprova li l-*monitors* offruti minnha kienu *«energy star v.6.1»,* mela allura il-kriterji kollha tal-GPP dwar l-istess *monitors* kellhom jitqiesu awtomatikament sodisfatti.

32. Għalkemm veru li tali premessa tista' titqies tajba sa fejn għandhom x'jaqsmu l-verifiki tal-GPP dwar il-*«**minimum energy performance of monitors**»* u *«**reparability and replacement of components and parts**»,* għaliex fil-każ ta' dawn, id-dokument tas-sejħa kien jipprovdi li *«[e]quipment holding the EU Ecolabel or another relevant Type I Eco-*

*label fulfilling the specified requirements will be deemed to comply»,* madankollu l-istess ma tniżżilx sa fejn għandu x'jaqsam il-kriterju tal-GPP imsejjaħ bħala ***«[w]arranty and service agreements***» (ara l-estratti rilevanti f'paragrafu 6 ta' din is-sentenza).

33. Ifisser għalhekk li irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk l-effiċjenza tal-*monitors* offruti minn Legacy Ventures Limited hijiex tabilħaqq ekwivalenti għal «*Type I Eco-label*» jew le, jibqa' xorta waħda l-fatt li għall-għanijiet ta' verifikar tal-kriterju tal-GPP dwar il-***«[w]arranty and service agreements***» tal-kompjuters u tal-*monitors,* kull offerent kien obbligat li jressaq dikjarazzjoni bil-miktub li *«the products supplied will be warrantied in conformity with the contract specifications and service requirements.»* (erġa' ara l-estratti rilevanti f'paragrafu 6 ta' din is-sentenza).

34. Dan għaliex, kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, jekk ir-regoli tas-sejħa jitolbu ċertu tagħrif jew dokumentazzjoni, l-offerenti li jieħdu sehem f'dik is-sejħa huma mistennija li joqogħdu għal dawk ir-regoli u jippreżentaw dak kollu li jkun intalab minnhom (ara ***Transporter Limited v. Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024). Bilkemm hemm għalfejn jingħad li huwa propju għalhekk li r-regoli tas-sejħa qegħdin hemm, u sewwasew sabiex jiġu mħarsa u mhux biex jiġu injorati (ara

***Attard Farm Supplies Limited v. Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Awwissu, 2023).

35. Huwa wkoll miżmum li daqskemm l-offerenti għandhom joqogħdu attenti li jippreżentaw dak kollu li jkun intalab minnhom fid-dokumenti tas-sejħa, daqstant ieħor li dawk mgħobbija bir-responsabbiltà li jaġġudikaw l-offerti għandhom jimxu skrupolożament mal-kundizzjonijiet li jkunu mniżżla fid-dokument tas-sejħa (ara ***Reactilab Limited v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2023).

36. Tassew, ingħad li meta fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti, l-awtorità kontraenti tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bi ħsiebha timponi fuq l-offerenti, hija tkun qiegħda tillimita ruħha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, b'dana li hija ma tistax tmur lura minnhom mingħajr ma tikser il-prinċipju tat-trattament indaqs bejn l-offerenti (ara ***Polaris Marine Services Co. Ltd. v. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Awwissu, 2023).

37. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li ġaladarba d-dokument tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni kien jitlob iswed fuq l-abjad li għall-għanijiet ta' verifika tal-kriterju tal-GPP dwar il-*«[w]arranty and service agreements»* tal-kompjuters u tal-*monitors,* l-

offerenti kellhom jissottomettu dikjarazzjoni bil-miktub li l-prodotti offruti minnhom kienu sejrin ikunu qegħdin jiġu forniti b'garanzija skont l-ispecifikazjonijiet tal-kuntratt u tal-ħtiġijiet tas-servizz, il-kumitat tal-evalwazzjoni ma setax iqis l-offerta ta' Legacy Ventures bħala teknikament konformi mingħajr dikjarazzjoni bil-miktub bħal dik.

38. Terġa' u tgħid li f'dan il-każ, il-kumitat tal-evalwazzjoni ma qabadx u skwalifika lill-appellanti kiesaħ u biered. Mod ieħor, b'ittra tas-7 ta' Settembru, 2023, il-kumitat tal-evalwazzjoni talab lil Legacy Ventures Limited sabiex issewwi n-nuqqasijiet fl-offerta tagħha billi tibgħat id-dokumenti li naqset milli tressaq flimkien mal-offerta oriġinali tagħha, fosthom il-verifiki tal-kriterji tal-GPP dwar il-*«warranty and service agreements».*

39. Ta' min jgħid ukoll li fl-ittra li għadha kif issir referenza għaliha, l-appellanti ġiet imwissija ċar u tond li hija kellha tressaq id-dokumentazzjoni kollha mitluba minnha fi żmien ħamest ijiem utli u fin-nuqqas t'hekk, l-offerta tagħha kienet ser titqies bħala mhux konformi.

40. Għalkemm Legacy Ventures Limited wieġbet għas-sejħa ta' rettifika min-naħa tal-kumitat tal-evalwazzjoni, jirriżulta però li hija naqset milli tibgħat id-dikjarazzjoni meħtieġa għall-verifika tal-kriterju tal-GPP b'rabta mal-*«warranty and service agreements».* Minflok, hija straħet fuq

id-dokument li hemżet flimkien mar-rikors tal-appell (f'paġni 16 sa 20 tal-atti tal-appell), li huwa sempliċi ftehim *standard* u ġeneriku li fih isem il-kumpanija appellanti ma jidher imkien. Bla dubju ta' xejn, tali dokument ma setax jitqies li huwa ekwivalenti għal dikjarazzjoni bħal dik mitluba fid-dokumenti tas-sejħa, u fuq hekk biss, il-kumitat tal-evalwazzjoni kellu raġuni tajba biżżejjed sabiex iwarrab l-offerta ta' Legacy Ventures Limited għar-raġuni li ma kinitx teknikament konformi.

41. L-ewwel aggravju tal-appellanti qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

42. Fit-**tieni aggravju** Legacy Ventures Limited qiegħda mbagħad tilmenta li l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi naqas milli jqis il-fatt li d-deċiżjoni meħuda mill-kumitat tal-evalwazzjoni ma ġietx motivata kif xieraq.

43. Targumenta li n-nuqqasijiet imsemmija fl-avviż mibgħut lilha fl-10 ta' Ottubru 2023, kif riprodotti aktar kmieni f'paragrafu 10 ta' din is-sentenza, ma fihomx biżżejjed dettalji sabiex hija setgħet tkun taf x'kienet l-informazzjoni li hija naqset milli tagħti, u għal-liema oġġetti offruti minnha kien jirreferi.

44. Tistqarr li kien biss fir-risposta tal-Ministeru appellat li tfisser x'kienet sewwasew dik l-informazzjoni li tqieset nieqsa fl-offerta tagħha,

u filwaqt li tinsisti li d-deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru, 2023 ma kinitx b'ħarsien ta' dak mitlub **f'Regolament 272 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, tfisser li l-aggravju tagħha jikkonsisti fil-fatt li l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi naqas milli jannulla d-deċiżjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni minkejja li ma kinitx motivata skont il-liġi.

45. Fil-fehma tal-Qorti lanqas dan l-aggravju mhuwa fejjiedi.

46. Jibda billi jingħad li anke kieku stess l-avviż tal-10 ta' Ottubru, 2023 ma kienx motivat biżżejjed, jibqa' xorta waħda l-fatt li tali nuqqas ma setax iwassal għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni dwar l-iskwalifika tal-offerta tal-appellanti.

47. Tassew, kif ingħad riċentement fil-każ ta' ***Cardona Engineering Works v. Central Procurement & Supplies Unit et.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ġunju, 2024, difett bħal dak allegat mill-appellanti huwa biss «*difett ta' komunikazzjoni tad-deċiżjoni u mhux difett fil-proċess li wassal għal dik id-deċiżjoni*» u *«[s]e mai jivvizzja dak li seħħ wara u mhux dak li seħħ validament qabel dan in-nuqqas».*

48. Sfiq ma' dan huwa wkoll magħruf li n-nuqqas ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni ma twassalx għal xi nullità assoluta, iżda għan-nullità jekk u sakemm tkun ta' preġudizzju għal dak li jkun (ara ***Owen Borg v. Ronald***

***Bezzina et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2015).

49. Fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas li qiegħda tilmenta dwaru l-appellanti, ma setax ġab xi preġudizzju fuqha, u dan billi kif mistqarr minnha stess fir-rikors tal-appell, meta ġie biex iwieġeb għall-ittra ta' oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord, il-Ministeru appellat speċifika f'aktar dettal x'kienu sewwasew in-nuqqasijiet tagħha.

50. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-appellanti setgħet tirregola ruħha quddiem il-Bord anke billi tressaq ilmenti ġodda li ma kinitx oriġinarjament ressqet fl-ittra tal-oġġezzjoni datata 18 ta' Ottubru, 2023 (ara ***Transporter Limited v. Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittjiet tat-Tfal et,*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024), u billi għalhekk Legacy Ventures Limited ma setgħet ġarrbet l-ebda preġudizzju minħabba l-allegat nuqqas li qiegħda tilmenta dwaru, dan l-aggravju lanqas ma jista' jkun fejjiedi (ara wkoll f'dan is-sens ***AIG Malta Limited et. v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2016.

51. Lil hemm minn dan u f'kull każ, il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li r-raġunijiet li ngħataw fl-avviż tal-10 ta' Ottubru, 2023 kienu kemxejn xotti, u minn dan l-aspett il-Qorti tħeġġeġ lid-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll lill-Ministeru appellat sabiex jagħmlu sforz akbar meta

jiġu biex jagħtu r-raġunijiet dwar l-iskwalifiki tal-offerti, madankollu, il-Qorti jidhrilha li b'daqxejn ta' diliġenza u ħsieb, l-appellanti xorta waħda setgħet tintebaħ x'kienu sewwasew in-nuqqasijiet tagħha.

52. Pereżempju, kull fejn ingħatat ir-raġuni «*Missing GPP verifications», l*-appellanti setgħet fittxet fid-dokument tas-sejħa biex tara x'kienu dawk il-verifiki rilevanti, u minn hemmhekk setgħet tintebaħ għal liema oġġetti l-awtorità kontraenti kienet qiegħda tirreferi, kif ukoll tqabbel jew aħjar tikkuntrasta dak li tefgħet fl-offerta tagħha mad-dokumenti mitluba għal dawk il-verifiki rilevanti. L-istess jgħodd fejn tniżżel *«missing information».*

53. It-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

54. Jifdal biss l-**<u>aħħar aggravju</u>** li fih l-appellanti qiegħda tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Bord dwar it-telfien tad-depożitu li ħallset biex ressqet l-oġġezzjoni quddiemu.

55. F'dan ir-rigward, l-appellanti tfakkar li waqt il-proċeduri tal-appell, il-Ministeru appellat stess ammetta li ma kienx il-każ li l-offerta tagħha kellha xi nuqqasijiet sa fejn għandhom x'jaqsmu l-kriterji tal-*«acoustic plaster screed»* u l-*«management of waste and unused paint».*

56. Itenni li l-avviż tal-iskwalifika tal-offerta tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2023 kien nieqes minn kull informazzjoni rilevanti biex hija setgħet tasal għal deċiżjoni siewja dwar jekk kellhiex tappella jew le, u żżid li saħansitra f'dak l-avviż kien hemm żball fid-data li fiha kienet intalbet sabiex issewwi l-offerta tagħha. Targumenta li dan wassal biex hija spiċċat tappella fuq informazzjoni li kienet nieqsa u ħażina, u tinsisti għalhekk li l-Bord kellu mqar jagħtiha lura d-depożitu li ħallset biex ressqet l-oġġezzjoni tagħha quddiemu.

57. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti jidhrilha li anke dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq.

58. Mill-avviż tal-10 ta' Ottubru, 2023, Legacy Ventures Limited setgħet minn tal-inqas tintebaħ li wieħed min-nuqqasijiet fl-offerta tagħha kien jikkonsisti fin-nuqqas li tibgħat dikjarazzjoni bil-miktub skont kif mitluba għall-verifikar tal-kriterju tal-GPP dwar il-«*warranty and service agreements*» tal-*monitors* u l-kompjuters.

59. Kif ingħad aktar kmieni fil-konsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel aggravju, tali nuqqas kien biżżejjed biex iwassal għall-iskwalifika tal-offerta ta' Legacy Ventures Limited, u f'ċirkostanzi bħal dawn, l-appellanti setgħet faċilment tantiċipa li l-appell mill-iskwalifika tal-offerta tagħha qajla seta' jkun ta' fejda għaliha.

60. Ġaladarba l-appellanti tilfet il-każ tagħha, u dan għal raġunijiet li kienet, jew tal-inqas setgħet tkun taf bihom qabel ma ressqet l-appell, il-Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Bord dwar it-telfien tad-depożitu mhijiex irraġonevoli, u fid-dawl ta' dan, it-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud.

61. L-appell ta' Legacy Ventures Limited sejjer ikun għalhekk qiegħed jiġi miċħud għalkollox.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Legacy Ventures Limited u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ta' nhar it-3 ta' Jannar, 2024.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu kollha mill-appellanti Legacy Ventures Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm